**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Guramentat Nru; 264/2013 AGV**

**C F** f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta'binha minuri KF

Vs

**RF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta CF , datat 9 ta' Dicembru 2013 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), minn relazzjoni li l-partijiet kellhom barra z-zwieg, twieled il-minuri KF u dan skont ma jirrizulta mac-certifikat tat-twelid tal-minuri li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.

2. Illi sussegwentement il-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument B.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-imtimat irrenda ruhhu hati lejn martu r-rikorrenti ta' adulterju, theddid, sevizzji, eccessi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra li skont il-ligi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali.

4. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi r-rikorrenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f' dina l-istanza ghas-separazzjoni personali, u dana skont ma jirrizulta mid-Dokument C li qed jigi anness.

Ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi F minhabba adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi li l-intimat ikkommetta kontra martu r-rikorrenti, u kif ukoll minhabba inkompatibbilita' ta' karattru u ragunijiet ohra li ser jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.
ii. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Keerin Formosa, salv l-access tal-intimat taht supervizzjoni ghal-istess wild minuri jekk ikun il-Kaz.
iii. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghall-wild minuri Keerin Formosa dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghal-gholi tal-hajja flimkien mal-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, u ordni ghal-hlas dirett mis-salarju tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onrabbli Qorti.
iv. Tapplika in *toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
v. Tiddikjara terminata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tillikwida u tiddividi l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
vi. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kuntendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**vii.** Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li qiegħed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata** ta' RF f' ismu propju u ghan-nom ta' ibnu minuri KF llum ta' sitt snin jikkonferma bil-gurament, datata 24 ta' Jannar 2014, fejn eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi r-Rikorrenti Esponenti Intimat/Konvenut **RF** jirreferi ghar-Rikors Guramentat Numru 261/2013- RGM intavolat nhar il-Gimgha, 6 ta' Dicembru, 2013, fl-ismijiet " FR *pro et noe*-vs- FS C."

2. Illi dan ir-Rikors Guramentat indikat fil-paragrafu precedenti huwa fuq l-istess mertu, quddiem l-istess Qorti, bl-istess partijiet kontendenti imma bl-ismijiet inversi, bid-differenza li l-Gudikant hija differenti fejn fir-Rikors Guramentat ta' CF l-Gudikant hija l-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro waqt illi fir-Rikors Guramentat ta' R F l-Onorevoli Mhallef huwa l-imhallef Robert G.Mangion.

3. Illi, ghaldaqstant, huwa skond il-prassi, skond ir-regolamenti ta' kif jitmexxew il-kawzi fuq l-istess mertu, quddiem l-istess Qorti, bl-istess partijiet imma f'ismijiet inversi, pero' b'Gudikant differenti li l-kawza li tkun giet intavolata l-ewwel ghandha tiehu priorita' u tinstema quddiem dik il-Qorti u l-Gudikant li tkun giet assenjata ghalih u ghaldaqstant fic-cirkustanzi dina l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef

Robert G.Mangion ghandha tippresjedi fuq iz-zewg kawzi waqt illi l-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro LL.D.ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors Guramentat Numru 264/2013- AL li gie ntavolat tliet ijiem wara illi RF *de proprio et nomine* kien intavolat l-kawza tighu.

4. Illi f' dawn ic-cirkustanzi qed jigi ntavolat ukoll Rikors sabiex tigi regolata dini s-sitwazzjoni skond il-Ligi u r-regolamenti u l-prassi ta' kif kawzi f'dawn ic-cirkustanzi jiehdu priorita' wahda fuq l-ohra.

5. Illi ssir referenza ghal dokument hawn mehmuz illi huwa EJGG fejn hemm prova carissima illi effettivament l-Intimat / Konvenut odjern intavola l-kawza tieghu fuq l-istess mertu, quddiem l-istess Qorti, l-istess partijiet kontendenti, imma Gudikant divers tliet ijiem qabel dik intavola mir-Rikorrenti/ attrici martu (sic!) CF

6. Illi, ghaldaqstant, l-Esponenti Intimat/ Konvenut f/ismu propju u ghan-nom ta' l-ghaziz ibnu KN F ta' sitt snin qed jitlob illi r-Rikors Guramentat bhala Att Processwali fl-intier tieghu bid-dokumenti kollha sa l-inqas punto e virgola ndikat bhala Rikors Guramentat Numruu 261/2013 -RGM fl-ismijiet ***" FR pro et noe – vs- F S C"*** appuntat quddiem dina l-Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef Robrt G. Mangion u ntavolat nhar il-Gimgha, 6 ta' Dicembru, 2013 ghandu jigi allaccjat jekk ikun il-kaz fl-intier tieghu ma' dana r-Rikors Guramentat odjern ta' CF bin-Numru Referenzjali 264/2013- AL u dana ghal kull buon fini kemm bhala stat ta' fatt kif ukoll skond il-Ligi billi r-Rikors Guramentat Numru 261/2013-RGM huwa fl-intier tieghu applikabbli bhala prova dokumentata u definittiva fil-konfront ta' CF sive FS u fejn is-seba' talbiet ta' C F fir-

Rikors Guramentat taghha Numru 264/2013- AL ghandhom jigu effetivament respinti.

7. Illi bl-istess xiber ix-xhieda kollha ddikjarat minn R F pro et noe fir-Rikors Guramentat Numru 261/2013- RGM ghandhom jigu kollha inkluzi u l-ebda xhud eskluz bhala xhieda li ghandhom jiddeponu jekk ikun il-kaz ukoll fir-Rikors Guramentat 264/13 -AL fl-ismijiet " ***CF :vs- RF '*** apparti milli ghandhom jigu nkluzi l-ismijiet ta' Monica Azzopardi li hija nkarigata mill-Amministrazzjoni u hija l-Human Resourses Manager ta' Kordin Grain Terminal Company Limited li maghha jahdem l-intimat/ Konvenut RF u dana biex jigi vverifikat ezatt kemm jibqa' f'idejn bhala paga l-Intimat / Konvenut RF kif ukoll jigi ndikati min ihaddem lil CF fil-qasam Industrijali ta' Bulebel limiti taz-Zejtun biex il-Qorti tkun tista' tara d-dhul superjuri ta' CF S ghal dak ta' zewgha RF apparti mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, biex jikkonfermaw illi l-beneficcji ta' l-Istat, inkluz tac-Childrens Allowanxce, Family Bonus u Family Allowance qeghda tehodhom kollha CF sive CF S u naturalment qed jigu ndikati wkoll bhala xhieda r-rapprezentanti, diretturi u l-impjegati kollha tal-Banek Kummercjali kollha Maltin jigifieri l-Lombard Bank, l-HSBC, l-APS Bank, il-BOV, Banif Bank, u l-Banek Kummercjali kollha ezistenti u li qed joffru hidma ta' servizz bankarju fil-Gzejjer Maltin u Ghawdxin, kif ukoll il-Malta Stock Exchange, naturalment id-Dipartiment li johrog il-Karti ta' l-Identita' anke biex jikkonferma fejn toqghod MS omm CFS u fejn joqghod is-sieheb ta' CF sive CFS biex jigi kkonfermat l-adulterju assolut ta' CF SIVE CFS ma' dana t-terza persuna hawn indikat.

8. Illi b' referenza ghaldaqstant ghar-Rikors Guramentat odjern, Numru Referenzjali 264/13- AL, din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tirrispingi s-seba' talbiet ta' CF bhala minghajr gustifikazzjoni la fattwali u lanqas legali, billi CF hija adultera mat-terza persuna ndikat u sahansitra ilha tohrog mieghu sa ma qabel izzewget lill-Intimat / Konvenut u tul il-hames snin li ghat-taparsi ghamlet tikkoabita ma' RF u fejn fill-frattemp kellhom lit-tifel KF llum ta' sitt snin, u anke meta allegatament sar iz-zwieg, liema zwieg ma damx iktar minn xahrejn u sar fuq pressjoni ta CF biex hija tikkonsolida l-qabda taghha fuq il-fond matrimonjali li nxtara qabel iz-zwieg imma huwa ndivizament ugwali bejn il-partijiet kontendenti ghajr illi l-Intimat / Konvenut odjerna hareg aktar flus u nefaq iktar flus u ta servizzi ferm aktar mir-Rikorrenti / Attrici odjerna.

9. Ghaldaqstant l-Intimat / Konvenut qed jitlob lil Qorti biex jigi allaccjat il-kopja tal-process kollu 261/2013 biex dana jintuza bhala prova u bhala dokumentazzjoni, bhala nies li sejrin jiddeponu u jaghtu x-xhieda taghhom anke permezz ta' l-Affidavit halli jxejjen u jgib bhala totalment infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment il-hames permessi ta' CF ghajr dawk illi huma ovvji imma illi t-taghrif kjarifikatorju ghandha ssir referenza ghalih ghar-rikors Guramentat 261/2013 minhabba li hemm iktar tifsir preciz u lluminanti bhal perezempju l-ewwel premessa dwar it-twelid ta' KF fejn ma jissemma xejn illi CF ghal iktar minn hames snin ghexet ma' RF waqt li xorta kien qed ikollha relazzjoni mat-terza persuna ndikat u li din qatt ma kellha intenzjoni li tizzewweg skond kif indikat fit-tieni paragrafu, u tant hu hekk li wara li ghal -taparsi zzewget kull ma qaghdet id-Dar Matrimonjali kienu saghtejn biss u f' inkwadratura ta' xahrejn bdiet il-procedura taghha fit-Tribunal Ekklezjastiku.

10. Illi ghaldaqstant ir-rapprezentanti tat-Tribunal Ekklezjastiku nkluz il-Monsinjur Arthur Said Pullicino li fuq proposta ta' l-Intimat /Konvenut irtira mill-Bord ta' l-Aggudikanti fil-Kawza ta' L-Annullament u n-nies kollha nkluz qassisin, staff segretarjali u terzi persuni illi ddeponew quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku dawna kollha ghandhom jittellghu bhala xhieda.

11. Illi dak li hemm fit-tielet premessa ta' CF ma huwa minnu xejn billi kienet CF li hija hatja ta' adulterju u hawnhekk naraw il-qoxra iebsa anke jekk superficjali ta' CF li tikkommetti l-adulterju hi, kif ghamlet ukoll ommha apparentament u trid twahhal imbaghad fl-Intimat / Konvenut u anke f' familjari tieghu bhal f'missier RF , AF u ghaldaqstant it-tielet paragrafu fl-ewwel faccata tar-Rikors Guramentat ta' CF ghandu jigi u respint il ghaliex dak li hu taghha intimament qed tipprova titfghu fuq l-innocenti Intimat / Konvenut RF

12. Illi qbil dwar ir-raba' premessa ta' C F salv illi z-zwieg ossia l-allegat zwieg tkisser irrimidjabilment b'tortijiet unikament attribwibbli lil CF bil-ksur tal-Artikolu 37 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta billi CF kienet hatja ta' Vjolenza domestika bi ksur tal Artiklu 38 u 39 inkluz l-adulterju, ksur ta' Artiklu 40 u 41 billi CF apparti minn adulterju vvjolat ukoll il-kontenut kollu l-ewwel parti tal-artiklu 40 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u anke abbandunat id-dar matrimonjali u kwindi dak kollu li hemm fil-Ligi illi jista jippenalizza lil CF ghandu jigi enforzat fil-konfront taghha waqt li l-Intimat / Konvenut RF ghandu jigi naturalment mhux biss mehlus imma moghti l-kura u l-kustodja assoluta tal-ghaziz ibnu biex dana jitrabba f' ambjent morali sod, ikollu missier dedikat ghall-istess ibnu minghajr dak l-ambjent ta' vendikazzjoni, kliem baxx u hazin , agir

skandaluz li CF u ommha li maghha tghix fil-Marsa kienu responsabbli ghalih kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

13. Illi hemm qbil dwar il-hames premessa, liema awtorizazzjoni giet ottenuta sia da parti ta' CF kif ukoll da parti ta' RF, RF tant hu hekk li tliet ijiem qabel intavolat il-kawza CF Numru 261/2013 fl-ismijiet **RF pro et noe- vs- CFS .**

14. Illi f' dawna c-cirkustanza ghadha ssir referenza ghal kontenut fl-intier tieghu tar-Rikors Guramentat Numru 261/2013- RGM u dan ghal ragunijet kif elaborati aktar ' il fuq f' din r-Risposta Guramentata kif ukoll f' rikors appozitu li gie ntavolat kontestwalment ma' dina r-Risposta Guramentata f' jum il-Gimgha 24 ta' Jannar, 2014.

15. Illi fic-cirkustanzi l-ewwel talba ta' C F ghandha tigi milqugha bid-differenza li din ghandha tigi favur RF u kontra CFS billi kienet CFS hatja ta' adulterju, theddid, eccessi u ingurji gravi li Catherine Formosa kkommettiet kontra zewgha l-Intimat odjern, apparti minn inkompatibbilita' assoluta ta' karattru u ragunijet ohra li naturalment sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.

16. Illi kwantu ghat-tieni talba ta' C F l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri KF ghandha tigi fdata f' idejn ir-responsabbli missieru salv l-access ta' ommu taht supervizjoni u li certament m'ghandhiex tkun akkumpanjata minn terza persuna billi hija omm irresponsabbli, omm skandaluza, omm li m' ghandhiex tithalla wehida mal-iben minuri ta' l-Intimat / Konvenut RF.

17. Illi t-tielet talba ta'  CF  ghandha tigi respinta fis-sens illi  CF  tahdem full time ma' Fabbrika fil-qasam Industrjali ta' Bulebel limiti taz-Zejtun kif indikat fir-Rikors Guramentat 261/2013 – RGM, u ghaldaqstant ma hemm ebda lok ta' retta alimentari ghal  CF  li tivversa manteniment ghal  RF  minhabba d-disparita' fis-salarji taghhom imma da parti taghha  CF  ghandha tivversa retta alimentari ghal  KF  iben  RF u dana b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghal-gholi tal-hajja flimkien ma' l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari, u ordni ghal hlas dirett mis-salarju ta'  CF  mall-fabbrika fejn tahdem bhal issa jew fejn tkun qeghda tahdem minn zmien ghal zmien sakemm il-minuri jaghlaq mill-inqas il-tlieta u ghoxrin sena u dawna ghadhom jigu ffissati minn din il-wisq Onorabbli Qorti fil-mori ta' din il-kawza.

18. Illi r-raba' talba ta'  CF  ghandha tigi applikata *in toto* kontra  CF stess u dana abbazi ta' l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta Malta, apparti minn dawk l-Artikli illi thassru fid-dawl ghal emendi tal-Kodici, Kapitlu 16 skond ma' jirrizulta mill-Artikoli fl-Istess Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

19. Illi l-hames talba ta' C F ghandha tigi milqugha a favur R F  fejn tigi terminata u xolta l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tivversa kollox lil  RF  u anke biex tigi stabbilita' data li minn dakinhar  CF  titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta'  RF  u dana kollu okkorendo bl-opra ta Perit nominandi u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-Att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-Rikorrenti attrici fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att jew in-nuqqas lill-imsemmija  CF  Sive  CFS  ma tattendiex.

20. Illi kwantu ghas-sitt talba ta' CF l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti mill-Komunjoni ta l-Akkwisti ghadu jigi assenjat esklussivament lil R F f' ismu proprja u ghan-nom tal-ghaziz ibnu K F illum ta' sitt snin u ftit fuqhom u dana minhabba l-hajja xellerata , immorali, skandaluza illi dejjem ghexet kif ghadha tghix l-imsemmija CF.

21. Illi fir-rigward tas-seba' talba ta' CF din ghadha tigi ordnata biex tirristitwixxi lil RF l-beni u krediti parfernali u totali taghha u li bl-ebda mod ma ghadha tithalla tersaq lejn d-dar martimonjali fil-Fgura li ntrat qabel iz-zwieg kif jirrizulta fil-mori tal-kawza naturalment bl-ispejjez kollha gudizzjarji w extra gudizjarji kontra CF sive CFS illi naturalment dina wkoll ghandha tibqa' in subizzjoni partikolarment fid-dawl tat-talba tal-Intimat / Konvenut RF li z-zewg Rikorsi Guramentati pendenti fl-ismijiet inversi ghadhom jinghaqdu flimkien u jinstemghu skond il-procedura mill-istess Qorti, u fl-istess Gudikant u f' Risposta Guramentata odjerna.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat illi din il-kawza qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi, u ghalhekk il-provi migjuba f'wahda jghoddu wkoll ghall-ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Peress li dina l-kawza mixja kontestwalment mal-kawza Rikors numru 261/18 il-provi u l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula ser ikunu jiffurmaw parti minn dina l-kawza ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**<u>DECIDE</u>**

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte stante li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' minacci fil-konfront tal-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament lill-attrici, b'dana li l-konvenut ghandu jkollu dritt ta' access skond kif imfisser iktar 'l fuq.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna hlas ta' manteniment kif imfisser iktar 'l fuq.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici.
5. Tilqa' l-hames talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif imfisser iktar 'l fuq.
6. Tichad is-sitt u seba' talba ttrici stante li dawn ma gewx ippruvati.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi l-attrici, filwaqt li terz ghall-konvenut.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**